

# News Releases

Home » L-Istatistika taċ-Ċinemas: 2022

Punti ewlenin | Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija

## L-Istatistika taċ-Ċinemas: 2022

NR105/2023 Data tal-Ħruġ: 15 ta' Ġunju 2023

*Fl-2022, it-teatri taċ-ċinema f'Malta u Għawdex urew 376 titlu differenti ta' films, filwaqt li l-udjenza tagħhom laħqet l-460,244 entratura.*



Fl-2022, kien hemm sitt stabbilimenti taċ-ċinema b'total ta' 23 skrin u b'kapaċità ta' 3,910 postijiet bilqiegħda (Tabelli nri 1 u 2). Minn dawn is-sitt teatri taċ-ċinema, tnejn kienu jinsabu f'Għawdex.

Is-sena li għaddiet kienu murijin total ta' 376 titlu ta' films f'27,189 wirja, u għaldaqstant dan jammonta għal medja ta' 72 wirja għal kull film (Tabella nru 4). Għal wiri ta' dawn il-films, is-swali taċ-ċinema rreġistraw udjenza ta' 460,244. Il-produzzjonijiet Maltin, li ħafna minnhom kienu tax-xorta tal-films qosra aktar milli ta' films prinċipali, kellhom 15,159 entratura b'total ta' dħul gross li laħaq il-€85,478 f'505 wirjiet. Min-naħa l-oħra, produzzjonijiet barranin, li minbarra l-films tradizzjonali kienu jinkludu wkoll iċ-ċinema tal-avvenimenti, kellhom 445,085 entratura b'total ta' dħul gross li ammonta għal €3,299,633 f'26,684 wirja (Tabella nru 4a).

Matul l-2022, l-udjenzi taċ-ċinema kellhom għażla ta' 376 titlu differenti ta' films, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu films fittizji. Dawn il-films ġibdu lejhom aktar minn 77.4 fil-mija tal-entraturi kollha. (Tabella nru 8).

L-aktar films popolari kienu 'Minions: The Rise of Gru', 'Top Gun: Maverick' u 'Jurassic World: Dominion' li rreġistraw 7.1 fil-mija, 6.1 fil-mija u 5.9 fil-mija tal-entraturi kollha, rispettivament. (Tabella nru 9).

F'termini ta' klassifikazzjoni tal-età, il-biċċa l-kbira tal-films murija fis-swali taċ-ċinema kienu kklassifikati bħala "12A" u "15". Fil-fatt, 44.9 fil-mija tal-films ipprojettati fl-2022 kienu kklassifikati bħala "12A", filwaqt li 29.3 fil-mija kienu kklassifikati bħala "15" (Tabella nru 10). Min-naħa l-oħra, 3.5 fil-mija biss tal-projezzjonijiet kienu kklassifikati bħala "18" (Tabella nru 10).

Is-sena li għaddiet, 52.9 fil-mija tal-films ipprojettati damu bejn 76 u 120 minuta (Tabella nru 11). Il-wirjiet tal-tip "Live/Encore", inklużi opri, balletti, u teatru, kellhom l-itwal ħin b'medja ta' 161 minuta. Min-naħa l-oħra, id-dokumentarji u l-animazzjoni kellhom l-iqsar ħinijiet ta' dewmien biż-żewġ ġeneri jdumu ħin medju ta' 78 minuta (Ċart nru 6). B'riferenza għan-numru ta' ħaddiema, instab li s-sena l-oħra s-swali taċ-ċinema kienu qegħdin iħaddmu medja ta' 95 persuna, li minnhom il-maġġoranza kienu mqabbda fuq bażi part-time (Tabella nru 12).

### Ċart nru 1. Il-projezzjonijiet bil-pajjiż li minnu jkun oriġina l-film

per cent




### Ċart nru 2. Tul ta' ħin medju bit-tip ta' film

